MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Appell Civili Numru. 219/2006/1

**Joseph Camilleri**

**v.**

**Grace Camilleri**

Rat ir-rikors guramentat li pprezenta l-attur fl-4 ta' Lulju, 2006, li jaqra hekk:

"1. Illi l-kontendenti izzewwgu fis-27 ta' Mejju 1989 u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li sal-lum ghadhom minorenni, Graziella li llum ghandha sittax-il sena, Mark li ghandu hmistax-il sena u Josef li ghandu ghaxar snin.

“2. Illi l-hajja matrimonjali ta’ bejn il-partijiet m’ghadhiex aktar possibbli u z-zwieg tkisser irrimedjabbilment minhabba ragunijiet gravi imputabbli lill-konvenuta fosthom adulterju, sevizzi, eccessi u abbandun.

3. Illi l-attur huwa awtorizzat jipprocedi ghas-separazzjoni b’digriet ta’ din l-Onorabbli Qorti numru 390/06 datat 13 ta’ Marzu 2006 konfermat b’digriet iehor datat

“Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq imsemmija l-attur jitlob li din l-Onorabbli Qorti:

“i) Tiddikjara s-separazzjoni ta’ bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenuta.

“ii) Tafda l-kura u l-kustodja tat-tlett ulied minuri liz-zewg partijiet b’ mod kongunt.

“iii) Tiffissa l-manteniment dovut sew mill-attur kif ukoll mill-konvenuta a favur il-minuri.

“iv) Tiddikjara li l-konvenuta iddekadiet mid-dritt li titlob manteniment minghand l-attur.

“v) Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tillikwida u taqsamha f’zewg porzjonijiet b’mod li jkunu komminati kontra l-konvenuta d-disposizzjonijiet tal-artikolu 48 tal-Kodici Civili.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li in forza taghha eccepiet:
“Illi filwaqt li hija taqbel li, l-hajja in komuni m’ghadhiex aktar possibbli u ghalhekk ghandha ssehh il-firda personali bejn il-kontendenti mhux sew li l-htija ta’ dan l-istat ta’ fatt titghabba fuqha biss; dan billi r-rikorrent jahti wkoll tant li l-esponenti qed tmexxi b’kontro-talba; Izda ta’ min jghid li s-Sekond’ Awla kienet fdat il-kura u l-kustodja tat-tliet ulied minuri f’idejn l-esponenti.

Rat il-kontro-talba tal-konvenuta li taqra hekk:

"Illi l-kontendenti zzewwgu f'Mejju 1989 u ghandhom tlitt itfal minuri Graziella, Mark u Josef;

"Illi l-hajja in komuni bejn il-kontendenti ma tistax tibqa' ssehh u hemm lok ghall-firda personali minhabba wkoll l-adulterju, sevizji, eccessi u abbandun min-naha ta' Joseph Camilleri kontra l-esponenti u wliedhom kif ikun pruvat ahjar waqt is-smigh tal-kawza.

"Ghaldaqshekk l-esponenti titlob bir-rispett li din l-Onor. Qorti joghgobha:

"1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn iz-zewg kontendenti u dan minhabba ragunijiet imputabbli lir-rikorrenti;

"2. Tafda l-kura u kustodja tat-tlitt itfal minuri Graziella, Mark u Joseph f'idejn l-esponenti b'mod li r-rikorrent ikollu access ragonevoli;

"3. Tiffissa retta alimentari xierqa ghaliha u ghat-tlitt ulied minuri;

"4. Tittermina l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn iz-zewg partijiet kontendenti, tillikwidaha u taqsamha b'mod ekwu wara li jkunu komminati kontra r-rikorrenti dak li jipprovdu l-art. 38, 40, u 41 tal-Kap. 16;

"Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Joseph Camilleri mharrek in subizzjoni."

Rat ir-risposta guramentata tal-attur ghal-kontro-talba tal-konvenuta li in forza taghha eccepixxa illi:
"1. Illi mhux minnu dak li tallega l-konvenuta fil-kontro-talba li l-hajja matrimonjali ta' bejniethom ma tistax tkompli tort tal-attur rikonvenzjonat.

"2. Illi kien l-adulterju u l-abbandun tal-konvenuta li kisser il-hajja matrimonjali tal-partijiet.

"3. Illi ghalhekk it-talba rikonvenzjonali ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-konvenuta."

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili, Sezzjoni Familja, fis-26 ta' Jannar, 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:
"[1] tilqa' l-ewwel talba, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet bi htija tal-konvenuta;

"[2] tilqa' t-tieni talba;

"[3] tilqa' t-tielet talba limitatament u fit-termini kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Manteniment';

"[4] tilqa' ir-raba' talba, u tapplika fil-konfront tal-konvenuta id-dispost fl-*intier* tieghu ta' l-artikolu 48[1] tal-Kap.16 b' effett mill-12 ta' April 2003;

"[5] tilqa' il-hames talba, u x-xolji l-komunjoni ta' l-akkwisti, tillikwidaha u tassenjaha kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata 'Komunjoni ta' l-Akkwisti';

"Tiddeciedi dwar <u>il-kontro-talba</u> billi:

"Tilqa' l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba' talbiet, limitatament, u fis-sens, gja' fuq deciz.

"L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenuta."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet
"**Azzjoni u Kontro-Talba**

"Illi permezz tal-proceduri odjerna l-partijiet qed jitolbu s-separazzjoni personali ghar-ragunijiet imputabbli lil xulxin fit-termini ta' l-artikoli 38, 40 u 41 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta; u, filwaqt li l-attur qed jattribwixxi l-htija unikament lill-konvenuta, dina ssostni li l-htija tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet. L-attur minn naha tieghu cahad dak imputat lilu, u li hu ghandu xi htija ghas-separazzjoni.

"**Separazzjoni Personali**

"Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewgu fis-27 ta' Mejju 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal, D u E,

illum maggjorenni, u F li twieled fil-25 ta' Jannar 1996 u li ghalhekk ghadu minorenni. Wara li l-attur skopra li l-konvenuta kellha relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor, huwa telaq mid-dar konjugali fejn allura baqghu jghixu martu u t-tlett itfal tal-partijiet. Eventwalment il-konvenuta, flimkien mat-tfal, marret telqet mid-dar konjugali, u marret tikkoatiba mal-habib taghha fid-dar tieghu f' Bahar-ic-Caghaq fejn damet circa sitt xhur. Wara dan il-perijodu hija regghet lura fid-dar konjugali fejn ghadha tghix sallum flimkien mat-tfal.

"*Verzjoni Attur*

"L-attur jispjega li meta skopra li martu kienet qed titrattjeni relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor, id-dar beda jizdied l-inkwiet u l-litigji bejn il-partijiet, u ghalhekk hass li kellu jitlaq mid-dar konjugali biex jevita l-inkwiet, stante li l-konvenuta kienet baqghet tippersisti fil-hrug taghha mal-habib taghha. Huwa jghid li f' dak iz-zmien kien hemm *"inkwiet ta' konfrontazzjoni kbira."*[1] *"L-irvell kien kbir wisq, kwistjonijiet u glied familjari kien kbir wisq."*[2]

"Huwa jammetti li fiz-zwieg taghhom il-partijiet kienu esperjenzjaw diffikultajiet finanzjarji, u jghid li l-inkwiet bejniethom kien ikun fuq flus, u fuq l-ilment ta' martu li hu ma kienx jaghti kazha. Izda jghid li minn naha tieghu huwa dejjem ghamel ghall-ahjar ghall-familja tieghu, u kif konfermat minn oht l-konvenuta, huwa kellu *"hafna xoghol"*[3], jistqar li matul il-konvivenza, kien ikollhom kwistjonijiet *"fuq kollox … aktar pika minn naha taghha."*[4]

"L-attur pero' jichad dak allegat fil-konfront tieghu mill-konvenuta, b' mod partikulari, li hu kellu relazzjoni extra-matrimonjali ma' mara ta' nazzjonalita' Germaniza, jew xi mara ohra; jichad li kien jerfa' idejh fuq martu, ghalkemm jammetti li matul il-litigji kien ikun hemm ghajjat u tghajjir minn-naha tat-tnejn. Jichad ukoll li ma kienx jaghti kaz ta'

---

[1] Vol.1 – fol.52
[2] Ibid. fol.56
[3] Vol.1 – fol.186
[4] Vol.2 – fol.321

martu, u jghid li *"konna niddiskutu [il-problemi] anke ma min kien jipprova jghinna."* [5]

"L-attur jsostni li z-zwieg bejn il-partijiet tfarrak unikament minhabba r-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenuta, li mas-separazzjoni *de facto*, kompliet billi l-konvenuta marret tikkoabita ma' dan ir-ragel.

"*Verzjoni Konvenuta*

"Il-konvenuta tiddeskrivi lill-attur bhala *"mostru".*[6] Kien dominanti u ta' spiss kien jerfa' idejh fuqha meta l-agir taghha ma kienx joghgbu. Kien jghajjat u jghajjarha, u kien ihalliha nieqsa mill-flus, filwaqt li hu kien ihallas ghall-kapricci tieghu. Dan kien l-akbar ilment tal-konvenuta, u kien fonti ta' glied kontinwu bejn il-partijiet.

"Tghid li fid-dar ma kien jaghmel manutenzjoni ta' xejn, u kien hemm telqa kbira fir-rigward, tant li fid-dar kien ikun hemm hafna grieden; fi kliemha: "*Bejn wiehed u iehor kont nigbor sitt [6] grieden kuljum, u dan dam is-snin, norqdu bil-lejl u thoss il-grieden ghaddejjin minn fuqhek u tisma' t-tambir tal-grieden. Dan mill-ewwel li zzewwigna, u waqfet ghax wara li telaq ir-ragel waqaftha jien."*[7]

"Il-konvenuta tghid li l-attur ma kienx jiehu hsieb il-familja tieghu. Hu qatt ma kien johrog maghhom u qatt ma riedhom mieghu meta johrog. Hi ssemmi episodji partikolari biex issostni dan il-punt.

"Hija tammetti li lejn l-ahhar tal-konvivenza hija qabdet hbiberija ma' ragel iehor li kien jahdem maghha fuq il-post tax-xoghol, u li kienet tohrog mieghu, izda tichad li kellha relazzjonijiet intimi mieghu. Tispjega li, meta l-attur telaq mid-dar konjugali, hija kienet marret tghix ghand dan ir-ragel, peress li fid-dar konjugali ma kellhiex kumdita' u ghalhekk qabdet it-tfal u marret tikkoabita mal-habib taghha. Sussegwentement, wara li ntemmet din ir-relazzjoni, hija rritornat, flimkien mat-tfal fid-dar konjugali,

[5] Vol.2 – fol302
[6] Vol.2 – fol.235
[7] Vol.3 – fol.623

fejn, bl-ghajnuna tat-tfal hija bajded il-post u ghamlet ix-xoghol fih li kien hemm bzonn.

"*Konsiderazzjonijiet tal-Qorti*

"Illi f' dan il-kaz il-Qorti tirravviza nkompatibilita' kbira ta' karattru bejn il-partijiet, li kienet ta' ostakolu sabiex dawn jasslu ghall-konvivenza matrimonjali pacifika. Jidher li z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom fiz-zwieg, izda mhux kull nuqqas necessarjament jikkwalifika ghal raguni valida ghas-separazzjoni. F' dan il-kaz, hija l-fehema tal-Qorti, li r-raguni ghat-tkisser taz-zwieg kienet ir-relazzjoni extra-matrimonjali da parti tal-konvenuta ma' ragel iehor. Din il-hbiberija aperta ma' dan ir-ragel, kif ukoll il-komportament tal-konvenuta meta zewgha skopra din ir-relazzjoni taghha, wassal, kif mistenni, ghal hafna nkwiet bejn il-kopja, bir-rizultat li l-attur telaq mid-dar konjugali biex jevita aktar inkwiet, filwaqt li l-konvenuta marret tikkoabita mal-habib taghha.

"Illi l-konvenuta tipprova tiggustifika t-tluq taghha mid-dar konjugali u l-koabitazzjoni mal-habib taghha billi tghid li d-dar konjugali ma kinitx komda u, kif iddeskriviet hi, bil-grieden jigru kullimkien, kienet kwazi nabitabbli. Madankollu, il-Qorti tosserva li, wara li ntemmet ir-relazzjoni ma' dan ir-ragel, hija xorta wahda, fimkien mat-tfal taghha, regghet marret tabita fid-dar konjugali, izda din id-darba ghamlet x-xoghol ta' manutenzjoni necessarju. Id-domanda fir-rigward, li timponi ruhha b' mod manifest hija: ghaliex ma' ghamlitx dan ix-xoghol ta' manutenzjoni meta l-attur telaq mid-dar konjugali, fejn allura ma kien hemm hadd li jostakolaha, izda minflok ma ghamlet hekk, hija telqet mid-dar u marret tghix mal-habib taghha ghal perijodu ta' sitt xhur?

"Illi l-Qorti thoss, anke fuq bazi ta' verosimiljanza, illi m' ghandhiex taghti affidament lill-verzjoni tal-konvenuta, dwar l-allegazzjonijiet li zewgha ma kienx jaghti kaz taghha u tat-tfal; li l-istat tad-dar konjugali, li fiha kienu jghixu wkoll tlett itfal, kienet fi stat daqshekk hazin; u li hu kien isawwatha bil-ponn u bil-harta jekk turtah. Dawn l-allegazzjonijiet, apparti milli gew michuda mill-attur, ma

jsibux sostenn adegwat fil-provi. Issa, il-Qorti tifhem li, f' certu mumenti tal-konvivenza matrimonjali, stante li l-partijiet kienu f' sitwazzjoni finanzjarja difficli, il-konvenuta kienet tkun imdejqa bil-fatt li ma kinitx tircevi flus bizzejjed minghand zewgha; u tifhem ukoll li l-partjiiet ghaddew minn zmien difficli anke minhabba l-inkompatibilita' fil-karattru taghhom, b' mod li allura l-konvenuta kienet imdejqa fiz-zwieg; izda dawn il-fatturi zgur ma jiggustifikawx li hi tidhol f' relazzjoni extra-matrimonjali ma' ragel iehor, u tippersisti f' din ir-relazzjoni billi marret tikkoabita mieghu.

"Inoltre, jigi osservat li hi ferm inverosimili dak sostnut mill-habib tal-konvenuta, li r-relazzjoni ta' bejniethom kienet wahda platonika; meta mill-provi jirrizulta li huma kienu johorgu flimkien, ikkoabitaw flimkien fid-dar tal-habib, u jorqdu fl-istess sodda flimkien! Fil-fehema tal-Qorti dawn il-fatti, ammessi mill-istess habib tal-konvenuta, jikkostitwixxu ndizji gravi, precizi u konkordanti li r-relazzjoni bejniethom kienet wahda adulteruza.

"Illi minn naha ta' l-attur ma jirrizultax provat dak attribwit lilu mill-konvenuta. Rigward l-allegat adulterju ma' mara Germaniza, il-Qorti tosserva li, apparti milli dan gie michud minnu kategorikament, ma ngabux provi fir-rigward. Rigward l-eccessi u s-sevizzi, il-Qorti tosserva li ma rrizultax komportament abuziv tieghu, ripetut u abitwali, li rrenda nsapportabbli l-konvivenza da parti tal-konvenuta. Di fatti kien hu li telaq mid-dar, u mhux il-konvenuta. In fine, rigward l-abbandun il-Qorti tosserva li r-raguni moghtija mill-attur ghaliex dan telaq mid-dar konjugali hija valida u verosimili fic-cirkostanzi, tenut kont tat-tenzjoni li kien hemm fid-dar kawzata mir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-konvenuta. Barra minnhekk m' ghandux jigi njorat il-fatt li fid-dar matrimonjali kienu jghixu wkoll it-tlett ulied tal-partijiet. Ghalhekk it-tluq ta' l-attur mid-dar konjugali ma kienx ta' natura abuziva, izda kienet mizura temporaneja preventiva.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li l-hajja konjugali bejn il-partijiet mhijiex aktar possibbli u li z-zwieg tkisser irrimedjabbilment unikament tort tal-konvenuta fit-

termini ta' l-artikolu 38 tal-Kap.16. Dan il-komportament abuziv tal-konvenuta jattira ex lege fil-konfront taghha l-applikazzjoni tal-Artikolu 48 ta' l-istess kap; u, ghall-finijiet tas-sub inciz [1][c] il-Qorti qed tistabbilixxi d-data tat-12 ta' April 2003 bhala dik tad-dekadenza.

"**Kura u Kustodja**

"Illi llum dan il-kap jirrigwarda biss lit-tifel Josef li ghandu circa 16-il sena, u l-Qorti, fl-interess tal-minuri, tordna li l-kura u kustodja tkun wahda kongunta, filwaqt li t-tifel jibqa' jghix ma' l-omm bid-dritt ta' access konkordat mal-minuri favur il-missier.

"**Manteniment**

"Illi l-konvenuta ddekadiet mid-dritt li titlob manteniment; u ghalhekk dan il-kap jirrigwada biss lit-tifel minuri.

"Il-Qorti tordna li l-attur ikompli jhallas lill-konvenuta bhala manteniment ghat-tifel minuri, is-somma ta' mija u tletin ewro [€130] fix-xahar, sakemm it-tifel jisir maggjorenni, jew jibda jahdem f' impieg regolari full-time.

"**Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"*Dar Matrimonjali – "Madonnina" Tirq il-Bufula l-Hamra, Mosta valutata mill-perit Mario Cassar fl-ammont ta' €144,000*

"Illi mill-provi jirrizulta pacifiku li d-dar kienet inxtrat qabel iz-zwieg, gebel u saqaf, u li z-zewg partjiet haddmu fiha, u z-zewg partijiet ghamlu spejjez sabiex jirrendu d-dar abitabbli. Dan ix-xoghol u dawn l-ispejjez arrikkew il-fond li l-valur tieghu llum qed jitgawda miz-zewg partijiet bhala ko-proprjetarji.

"Ghalhekk il-Qorti tordna li dan il-fond, li hu komuni taz-zewg partijiet, jinbigh fuq is-suq hieles fi zmien sentejn ghall-prezz mhux inferjuri ghall-imsemmi ammont; u, fin-nuqqas, jinbigh that l-awtorita' ta' din il-Qorti skond il-ligi.

"Illi r-rikavat tal-bejgh jinqasam ugwalemnt bejn il-partijiet, wara li jitnaqqsu minnu: l-ammonti ta' €484.51 u €184.72, rapprezentanti spejjez tad-dawl u ilma, u tat-telefon, li thallsu mill-konvenuta bl-ghajnuna tal-familjari taghha, u li ghandhom jigu rifuzi lilha mill-assi tal-komunjoni

"Illi, tenut kont unikament ghall-fatt li t-tifel iz-zghir F li ghadu minorenni, qed jghix fl-istess fond mal-konvenuta, il-Qorti tawtorizza lill-istess konvenuta tghix fl-imsemmi fond mat-tifel minuri, ghal zmien sentejn, ad eskluzjoni tal-attur, u wara dan il-perijodu ta' sentejn, li jibda jiddekorri millum, l-konvenuta qed tigi ordnata tallontana ruhha mill-isemmi fond.

"Illi rigward il-kreditu pretiz mill-konvenuta ta' €14,546.94[8] rapprezentanti parti mill-prezz li hi kienet hallset fuq id-dar, u rigwardanti spejjez li hi kienet ghamlet fid-dar sabiex saret abitabbli, il-Qorti, kif gja' fuq spjegat, tosserva li z-zewg partijiet haddmu sabiex id-dar saret abitabbli, u noltre ma jirrizultax li l-attur ma' hallas sehemu mill-prezz tad-dar.[9]

"Illi inoltre, l-attur hu ordnat li jhallas lill-konvenuta s-segwenti: l-ammont ta' €2,280.04 spejjez relatati mat-tfal li thallsu mill-konvenuta bl-ghajnuna tal-familjari taghha.[10] kif ukoll l-ammont ta' €151.41 rapprezentanti cekkijiet tal-manteniment li ma gewx onorati.

"Illi l-ammont ta' €2005.15[11] pretiz mill-konvenuta fin-nota taghha m'huwix dovut, stante li dan l-ammont jirraprezenta flus li thallsu mill-komunjoni ta' l-akkwisti.

"*Ghamara u effetti Mobbli*

"Fir-rigward il-Qorti tordna li l-ghamara li hemm fid-dar konjugali hlief il-kcina tigi assenjata fl-*intier* taghha lill-konvenuta, filwaqt li l-ghodda u effetti mobbli ndikati mill-

---

[8] Nota konvenuta – Vol.3 – fol.645

[9] Fir-rigward il-Qorti tosserva li l-konvenuta prezentat l-ewwel faccata biss tal-kuntratt, u ghalhekk ma jirrizultax x' kien il-prezz tax-xiri tad-dar.

[10] Nota konvenuta – Vol.3 – fol.646

[11] Nota konvenuta – Ibid.

konvenuta fin-nota taghha a fol.646 jigu assenjati fl-intier taghhom lill-attur.

“Illi l-vettura Hyundai DBD682 tigi assenjata lill-attur fl-*intier* taghha, filwaqt li dan hu ordnat ihallas lill-konvenuta s-somma ta’ €1,500 rapprezentanti l-valur tas-sehem taghha.

“Illi rigward il-kcina fitted li llum hemm fl-imsemmi fond, u li LM1,000 [illum €2329] tal-valur taghha huma parafernali tal-konvenuta, il-Qorti tordna li dan l-ammont jithallas lill-konvenuta mir-rikavat tal-bejgh tal-kcina, li taghha din il-Qorti qed tordna l-bejgh jew mir-rikavat tal-bejgh tad-dar qabel ma jinqasam, stante li dan hu kreditu tal-konvenuta vis-a-vis l-komunjoni ta’ l-akkwisti. Il-kumplament tar-rikavat tal-bejgh tal-kcina, jekk ikun hemm, ghandu jinqasam ugwalment bejn il-partjiiet.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenuta li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnha premessi, talbet li din il-Qorti joghgobha :

“… … … tvarja s-sentenza appellata tas-26 ta’ Jannar 2012 billi:

“A. ghal dak li jirrigwarda l-azzjoni

“1. dwar l-ewwel talba tvarja l-konkluzjoni billi tattribwixxi l-htija liz-zewg kontendenti;

“2. dwar ir-raba’ talba tvarja l-konkluzjoni billi tapplika d-dispost tal-art. 48(1) tal-Kap 16 fil-konfront taz-zewg kontendenti;

“3. dwar il-hames talba billi tvarja l-konkluzjoni milhuqa fit-taqsima ‘Komunjoni tal-Akkwisti’ billi

“i. taccetta dawn ir-riferenzi li gejjin putizi mill-esponenti:

“a. Kreditu ta’ €17505 spejjez minfuqa mill-esponenti qabel izzewwget;

“b. Kreditu ta’ €2005 spejjez tal-hajja li l-attur kien qabel li jhallas;

“c. Kreditu ta’ €2500, nofs il-valur tal-ghodda, stereo u kompjuter.

“ii. tordna l-bejgh tad-dar taz-zwieg bl-ghamara u l-kcina, u r-rikavat jinqasam bejn tnejn, wara li jithallas il-kreditu ta’ €2329 – valur tal-kcina – lill-esponenti.

“B. Ghal dak li jirrigwarda l-kontro-talba, tilqa’ t-talbiet limitatament u fis-sens kif maqtugh jill-ewwel Qorti, izda kif varjat hawn fuq;

“C. L-ispejjez ikunu bin-nofs bejn il-kontendenti

“Fil-bqija twettaq is-sentenza appellata.”

Rat ir-risposta tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnu premessi, issottometta illi:
“… … … l-konkluzjonijiet tal-ewwel Onorabbli Qorti, illi minnhom tilmenta l-appellanti, huma gusti u ben motivati, u kwindi ma jinneritawx illi jigu disturbati u kwindi, in vista ta’ dak kollu fuq premess, l-esponenti jissottometti bir-rispett illi t-talbiet kontenuti fir-Rikors tal-Appell ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-istess appellanti.”

Rat l-appell incidentali tal-attur li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab ir-riforma tas-sentenza appellata billi:
“… … … filwaqt illi tikkonfermaha in kwantu ghat-talbiet l-ohra kollha, tvarja l-provvedimenti dwar il-hames (5) talba kontenuta fir-Rikors Guramentat tal-esponenti billi tiddikjara illi l-vettura Hyundai bin-numru ta’ registrazzjoni DBD 482 illum m’ghadhiex tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti ghaliex giet distrutta ossia skreppjata u kwindi tiddikjara illi ma hemm lok ghall-ebda provvediment f’dan ir-rigward, u tikkonferma l-provvedimenti l-ohra kollha relattivi ghax-xoljiment u l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, u dan bl-ispejjez kollha taz-zewg istanzi a karigu tal-konvenuta hawnhekk appellata.”

Rat ir-replika tal-konvenuta ghall-appell incidentali tal-attur li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnha premessi, tissottometti li:
"… … … l-appell incidentali tal-appellat Joseph Camilleri ghandu jkun michud bl-ispejjez kontra tieghu."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat;

Illi din hi kawza ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet li zzewwgu fis-27 ta' Mejju, 1989; minn dan iz-zwieg kellhom tlett itfal, li minnhom tifel wiehed biss ghadu minuri, izda li llum ghandu sbatax (17)-il sena. L-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha, ippronunzjat il-firda bejn il-partijiet b'tort unikament tal-konvenuta, u wara pprovdiet ghal kura u l-kustodja tal-minuri, u tterminat u llikwidat il-'komunjoni tal-akkwisti' allura pendenti bejn il-partijiet.

Mis-sentenza ressqet appell principali l-konvenuta li lmentat mill-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li t-tort tal-firda kien taghha biss, mill-qasma tal-komunjoni u mic-cahda ta' krediti parafernali li tippretendi li ghandha. Appella incidentalment l-attur u dan fuq karozza li giet assenjata lilu fid-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti.

Trattat l-ewwel aggravju marbut mal-htija ghas-separazzjoni personali, il-konvenuta tilmenta mill-fatt li l-ewwel Qorti "ssorvolat fi ftit linji" l-agir tal-attur tul il-hajja matrimonjali u li, skont hi, irrenda l-hajja taghhom insapportabbli. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, peress li l-ewwel Qorti qieset fid-dettal il-verzjoni tal-konvenuta ta' x'wassal ghall-firda. Dik il-Qorti qieset dak li qalet il-konvenuta tant li osservat illi z-zewg partijiet kellhom in-nuqqasijiet taghhom fiz-zwieg, izda osservat li kienet ir-relazzjoni extra-matrimonjali tal-mara li wassal ghat-tkissir taz-zwieg. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti fl-analizi li ghamlet tal-fatti, ghax ghalkemm fiz-zwieg kien hemm problemi, l-aktar meta, peress li kien

hemm zmien meta kienu f’sitwazzjoni finanzjarja difficli, il-konvenuta kienet imdejqa ghax kien ikollha ftit flus f’idejha, u l-karattru tal-partijiet kien iwassal ghal certi piki, cioe` nonostante, dan ma jiggustifikax li hi tidhol f’relazzjoni extra-matrimonjali ma’ ragel iehor. Kienet din ir-relazzjoni li wasslet ghall-firda, bil-problemi ta’ qabel jigu solvuti wara ftit zmien bil-partijiet jadattaw ruhhom ghall-hajja flimkien. Jekk il-konvenuta ma setghetx tissaporti aktar, kellha tfittex ghas-separazzjoni personali hi, pero`, zgur mhux soluzzjoni li taqbad relazzjoni intima ma’ ragel iehor.

Il-konvenuta takkuza lill-attur b’abbandun tad-dar u bi vjolenza domestika, izda l-ewwel Qorti qieset li ma kellhiex taghti affidament lill-konvenuta u spjegat ghaliex. Din il-Qorti ezaminat il-provi u c-cirkostanzi u tara li ghandha taqbel mal-ewwel Qorti. Tqis, per ezempju, li l-konvenuta difficli titwemmen meta tghid li r-relazzjoni li kellha ma’ ragel iehor ma kienetx twassal ghal adulterju, meta mill-provi jirrizulta li huma kienu jikkoabitaw fid-dar tal-habib u anke jorqdu flimkien fl-istess sodda.

Seta’ kien hemm problemi ta’ komunikazzjoni bejn il-partijiet – tant li jidher li aktar kienu jghajtu milli jitkellmu ma’ xulxin – izda dan ma jiggustifikax li l-mara titradixxi lil zewgha u tmur ma’ ragel iehor.

L-aggravju relattiv tal-konvenuta hu, ghalhekk, michud.

Il-konvenuta ressqet aggravju marbut man-nefqa li qalet li ghamlet fuq id-dar matrimonjali u dan qabel iz-zwieg; hi tallega li ghandha kreditu ta’ €17,505. L-ewwel Qorti qieset din is-sottomissjoni, izda skartata wara li osservat li z-zewg partijiet ikkontribwew l-istess ghad-dar. Fil-fatt jirrizulta li d-dar matrimonjali nxtrat gebel u saqaf qabel iz-zwieg, f’ishma ugwali bejn il-partijiet u li z-zewg partijiet ghamlu spejjez sabiex jirrangaw d-dar. Il-fatt li l-konvenuta zammet l-ircevuti tal-hlasijiet li ghamlet hi u l-attur le, ma jaghtix privilegg lill-konvenuta fuq l-attur. Apparti dan, l-attur ghamel ukoll hafna xoghol manwali fid-dar. Kwindi, l-ordni tal-ewwel Qorti li l-fond matrimonjali jinbiegh fis-suq hieles fi zmien sentejn, bir-rikavat

jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet (salv rizerva ta' ammonti ta' flus favur il-konvenuta kif qalet l-ewwel Qorti) hija gusta u qed tigi konfermata.

Il-konvenuta tippretendi wkoll rifuzjoni tas-somma ta' €2005.15, li "sselfet" minghand il-genituri taghha ghall-hajja. Provi inkonfutabbli ta' dan, pero`, ma jinstabux fl-atti; u jekk verament il-genituri sellfu flus ghall-hajja, huma dawn li jistghu jirreklamaw il-kreditu, mhux il-konvenuta.

Ghar-rigward tal-qsim tal-ghamara u l-effetti mobbli, iz-zewg partijiet ressqu aggravji fuq xi items indikati fil-qasma, izda din il-Qorti ma jidhrilhiex li ghandha tvarja l-mod kif l-ewwel Qorti, fid-diskrezzjoni taghha, waslet biex taqsam dawn l-effetti. Dwar il-karozza li giet assenjata lill-attur, din kienet l-aktar tintuza minnu u dan ma jistax issa jilmenta mill-valur taghha – aktar u aktar meta ma gabx prova ta' kif grat il-hsara li issa qed jilmenta minnha, u ghaliex qabad u taha ghall-iscrap minghajr ma issa jista' jkun verifikat xejn. Dwar il-qasma li ghamlet il-Qorti, fis-sens li l-ghamara tad-dar tmur ghand il-konvenuta u l-ghodda ghand l-attur, ma tarax li ghandha ghalfejn tbiddel xi haga. Il-fatt li l-kamra tas-sodda kienet imfassla ghal dik id-dar ma jaghmilhiex mhux utilizzabbli go djar ohra. Il-bilanc li pprovat tohloq l-ewwel Qorti bil-mod ta' divizjoni stabbilit minnha ma ghandux jigi disturbat billi issir revizjoni ta' xi partita jew tnejn, ghax altrimenti dak il-bilanc jigi mittiefes bi pregudizzju tal-interessi ta' xi naha jew ohra.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi kemm mill-appell principali tal-konvenuta kif ukoll mill-appell incidentali tal-attur billi tichadhom it-tnejn, u tikkonferma in toto s-sentenza tal-ewwel Qorti.

B'riferenza ghat-talba ta' Grace Camilleri biex tirriverti ghal kunjom xbubitha, dak Azzopardi, din il-Qorti wara li rat l-Artikolu 62 tal-Kodici Civili, tilqa' t-talba u tawtorizzaha tirreverti ghal kunjom xbubitha, u cioe`, "Azzopardi".

L-ispejjez in prim istanza jithallsu kif ordnat l-ewwel Qorti, fil-waqt li dawk marbuta ma’ dan it-tieni stadju jithallsu, dawk tal-appell principali mill-konvenuta, u dawk tal-appell incidentali mill-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------